MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2014

Numru. 451/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Omissis**

**Glen Charles Bonnici**

**Kumpilazzjoni Nru: 451/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija

Omissis; u

Glen Charles Bonnici, ta’ 28 sena, iben Joseph Bonnici u Mary Grace Bonnici xebba Zammit, imwieled il-Pieta, nhar il-5 ta’ Novembru, 1985, u residenti gewwa 13, Claire De Lun, Triq Dun Alwig Camilleri, Zejtun u/jew 76, Triq il-Kbira, Zejtun u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 551685(M).

Alluzati talli:

1. Nhar it-3 ta’ Mejju, 2014 bejn 16:30hrs u 18:00hrs gewwa St.Philips Hospital li jinsab gewwa Santa Venera, ikkommeta serq ta’ oggetti, li l-ammont taghhom jeccedi €233 Euros imma ma jeccediex l-ammont ta’ €2,330, liema serq huwa agravat bil-valur;
2. Akkuzati ukoll talli rrendew ruhhom recedivi, ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Lil Omissis wahdu:-

3. Akkuzat ukoll li kiser kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposta mill-Qorti diversament preseduta, f’dan li ma jikommettiex delitt iehor ta’ natura volontarja u li jkun f’dawk il-hinijiet rinkazat kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta’ l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat id-dokumenti esebieti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu; hadet in konsiderazzjoni ukoll il-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fatt li l-imputat irritorna parti mir-res furtiva.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(c) u 267 tal-Kapiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati

ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tpoggih taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti tordna n-notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’l-Ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------